MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 360/2014

**Robert Fenech**

**Vs**

**L-Awtorita` ghat-Trasport f' Malta**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz datat 27 ta' Mejju, 2014 fejn l-attur iddikjara li:

Fit-23 ta' Dicembru, 2015, infurmajt lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta li l-vettura tieghi kienet garrbet hsarat risultat t'incidentf'hofra fit-triq. Qed nezebixxi ritratti ta' din il-hofra bhala Dok RF1 u Dok RF2. Dan il-fatt kien gie ssustanzjat b'rapport imhejji minn espert tekniku li jiena bghat lill-istess Awtorita` u li qed nezebixxi bhala Dok RF3.

Fl-10 t'April, 2014, l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta gharfitni li l-konkluzzjoni taghha kienet li l-hsarat sofferti minni kienu jevidenzjaw illi fil-hin tal-incident jiena kont qieghed insuq b'velocita` eccessiva u ma kontx qieghed insuq b'mod diligenti.

Fl-ewwel lok nghid li kienet l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta li ma kinitx diligenti, stante li hija kienet unikament responsabbli ta' din il-hofra li thalliet f'tali stat fi triq arterjali.

Fit-tieni lok nghid li jista jigi ppruvat illi l-hsarat li garbet il-vettura tieghi ma kienux rizultat ta' velocita' eccessiva u sewqan mhux diligenti kif gie allegat mill-Awtorita', izda precizament minhabba din il-hofra. Dan se johrog mix-xhieda li se tinghata iktar il-quddiem waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza mill-espert tekniku li hejja r-rapport li jiena pprezentajt.

Ghalhekk nitlob lil din l-Onorabbli Qorti tilqa't-talba tieghi u tikkundanna lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta sabiex tirrifondi lili l-ammonti kollha minni sborsati in konnessjoni ma' dan l-incident li jammontaw ghal tlett elef, sebgha u tletin Ewro u erbgha u sittin Ewro centezmi (€3,037.64).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-Awtorita' konvenuta.

Ra r-risposta tas-Socjeta' konvenuta datata 19 ta' Gunju, 2014 fejn eccepixxiet:

Illi preliminarjament, l-Awtorita' ntimata tirrispingi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet migjuba kontra taghha bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' ntimata m'hijiex responsabbli ghall-allegat incident stante li l-incident in kwistjoni sehh ghal ragunijiet li ma jistghux ikunu attribwiti lill-istess Awtorita' ntimata;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq ir-rikorrent li jaghmel prova tad-danni allegati u konsegwentement, id-danni reklamati qed jigu kkontestati.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-avviz;

Ra r-risposta;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Natalino Agius** xehed illi jaghmel xoghol ta’ assessur ta’ hsara tal-karozzi. Li xehed li ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal 26 sena. Kien qabdu l-attur biex jaghmel l-*assessment* tal-karozza tieghu. Din kellha hsara fuq is-sistema ta’ l-*isteering*. Il-hsara giet bazikament minn daqqa fuq ir-rota tax-xellug ta’ quddiem. Ir-rota kienet hadet hasda u ghalhekk din trasmettiet l-istess hasda lill-*isteering*. L-*isteering* huwa maghmul minn *shaft* li jdawru ‘l hemm u ‘l hawn, jigifieri meta ntlaqtet ir-rota.[1]

Il-karozza giet ezaminata ghand l-agent Continental Cars. Irrizulta illi kien hemm hsara fl-i*steering* u dan jidher illi gara wara li dan l-attur kien ghadda minn go hofra. Ir-rota tax-xellug kellha xi hsara fiha imma jidher illi kienu gew imsewwijin. Pero` kif jidher fir-rapport tieghu  s-sistema ta’ l-*isteeering* tghawweg. U fil-fatt meta kien imur mix-xellug ghal lemin kien jillikja l-hydrolic ghax ma kienx dritt. Iddikjara li din kienet hsara ta’ *speed* normali ghaliex kieku kien eccessiv anke sahansitra tista’ titqaccat.

L-attur kien avvicinah ghaliex kellu problema bil-karozza, u kien mar jara l-karozza ghand l-agent li kienu infurmawh li kienu ga zarmaw il-karozza biex jara x’ kellha l-karozza.

---

[1] Ara r-rapport  “R 3” a fol 5 sa 9 tal-process

Ikkonferma li spezzjona l-karozza fit-13 ta' Mejju tas-sena 2013 pero` d-data tal-incident ma kienx jafha. Ikkonferma li l-karozza ta' 13-il sena u ghandha xi fifty seven thousand nine hundred and thirty six miles (57,936miles). Is-soltu karozza taghmel ghaxart elef mil fis-sena. Din il-karozza jidher illi kienet taghmel hamest elef mil fis-sena. Kien tkellem mal-agent li din meta dahlet kellha hsarat fl-*isteering* u fir-rota; wara li rrangawha regghet harget pero` regghet kellha tiddahhal ghaliex baqghet bil-problemi. Ma kienx jaf kemm damet biex regghet dahlet. Huma pprovaw jirrangaw is-sistema pero` din dejjem kienet tillikja z-zejt u ghalhekk iddikajraw li kellu jinbidel l-*isteering*.

Zied illi f'kaz *ta' steering rack* dan bil-mileage qatt ma jmur; dan irid bilfors ikolli incident biex ikollu din il-hsara u t-tghawwig

**Robert Fenech** iddikjara illi fit-23 ta' Dicembru tas-sena 2013 kien bghat ittra permezz ta' Avukat, [2] fejn spjega b' mod dettaljat kif sehh l-incident in kwistjoni. Kien hemm ukoll anness mieghu rapport ta' l-espert. Dan huwa ga pprezentat in atti. Fl-10 ta' April 2014 iktar minn tlett xhur wara li bghat l-ittra kien iuircieva risposta minnghand l-Awtorita[3]. Dawn fir-risposta taghhom infurmawh li l-kawza ta' l-incident kien *speed* eccessiv u sewqan mhux diligenti, pero` fl-ebda hin ma kkontestaw il-kontenut ta' dak li hemm miktub fl-ittra tar-rapport ta' l-Espert Tekniku. Ir-rapport ta' l-Espert Tekniku jghid illi l-hsarat li garbet il-vettura kienu kkawzati minn incident fil-hofra. Kien ikkuntatja lill-CEO ta' Transport Malta u talab li jkollu laqgha bejn l-Espert Tekniku tieghu u r-rapprezentanti ta' Transport Malta dwar l-incident. Pero` dawn qatt m' accettaw biex jiltaqghu mieghu. Zid illi wara li ha l-vettura ghat-tiswija ghand l-agent kien gabarha u kienu qalulu li ssewwiet pero` kellu jerga jehodha lura ghandhom dak inhar stess bi problemi fl-*isteering*.

**Nicholas Baldacchino (**rapprezentant tal-Awtorita` tat-Transport f'Malta) xehed illi hu jahdem fir-Roads and Infrastructure Directorate fl-Awtorita` tat-Trasport ta' Malta. "Jiena l-ewwel li smajt b' dan l-incident huwa meta kien ghamel claim lill-Awtorita` ta' Trasport. Ahna ghandna kumitat, jiena Chairperson ta' dan il-kumitat li jiehu hsieb dawn il-*claims*. Fil-fatt li nista 'nghid huwa illi dahlu hafna claims minhabba t-toqba in kwistjoni li ghaliha qed jirreferu fl-avviz". Illi ma kkontestax il-prezenza tal-hofra. Fil-fatt is-Sur Nicholas Baldacchino qal li fis-7 ta' Frar, 2013 dahlu dawn il-claims li qed jirreferi ghalihom fit-Triq

[2] Dokument "RF 1".

[3] . Qed nipprezenta risposta ta' Trasport Malta Dok "RF 2

San Anard f' Hal Tarxien. L-Awtorita` saret taf mall-ewwel ghaliex ircevew telefonata illi kien hemm hofra pjuttost kbira f'din it-triq. Ikkuntatjaw il-Perit li kkuntatjat lill-kuntrattur tal-Awtorita' tal-Emergenza biex jiehu azzjoni mmedjatament u jimla l-hofra. [4] Skont is-Sur Nicholas Baldacchino l-Kumitat xoghlu huwa biex janalizza dawn il-*claims* li jidhlu. Il-kumitat jaghti parir lis-CEO skont il-fatti prezentati u jekk ghandhomc jaccettaw il-*claims* jew le. F' dan il-kaz in partikolari jigifieri din it-triq u din il-hofra specifika rcevew ghaxar claims. Accettaw tmienja minnhom. Tnejn minnhom gew irrifjutati. Wahda minnhom kienet tal-kawza odjerna.

Meta gie mistoqsi jekk iltaqax mas-Sur Fenech qal li ma iltaqax mieghu.  Lanqas kien jaf li talab laqgha.  Sostna illi rrifjutaw ghaliex kien hemm hsarat estensivi. L-informazzjoni tingabar min-nies tal-Awtorita` stess li jmorru *on site* u jaraw il-hofra. In-nies li jintbghatu jkunu jafu fuq din it-tip ta' hsara wkoll, huma jghidulna u jaghtuna l-informazzjoni dwar l-hsara li raw; ikunu raw id-dokumentazzjoni kollha pero` l-karozza stess ma jkunux rawha. Ikkonferma illi jekk persuna tkun bghatet rapport ta' surveyor taghha, huma n-i.e. l-impjegati tal-Awtorita jkunu qraw dak ir-rapport zgur.

Il-kwistjoni ma hijiex jekk il-hsara kienitx fuq wara jew fuq quddiem etc.., imma li l-hsara kienet estensiva wisq ghall-hofra in kwistjoni meta taghmel paragun ma' l-ohrajn. Infatti kien hemm sahansitra vetturi li ghaddew minn din il-hofra darbtejn. Kellhom il-hsara fir-rota ta' quddiem u fir-rota ta' wara. F'dan il-kaz hsarat ta' din in-natura ma kienx hemm fil-karozzi l-ohra. Ametta li ma jezaminawx specifikament il-hsara li ssir. Skont ix-xhieda tas-Sur Baldacchino li jaghmlu huwa li jipprocessaw il-*claims*. Jaraw li vera kien hemm hofra, li minhabba f' din il-hofra l-hsarat gew kagunati. F' dawn l-ghaxar *claims* li kellhom kienu kollha fuq hofra partikolari. Kull tip ta' vettura wkoll li ghaddew minn go din il-hofra u kellhom il-hsara. Fix-xhieda tieghu s-Sur Baldacchino kkonferma illi mill-informazzjoni li kellhu  kien hemm hsarat estensivi fil-karozza tant li kien hemm hsara iva fuq wara. Dik hija l-informazzjoni li kienu tawh.

It-Tribunal wara li ra d-dokumenti ra illi rrizulta illi fis- 7 ta' Frar, 2013 l-attur saq fuq hofra li kienet mghottija bl-ilma. L-ghada ha l-vettura ghand mekkanik u rrizulta li kien hemm il-hsara fl-*alloy wheel*

---

[4] Ara dokument "NB 1" Ara ukoll NB2 sa 3.

tal-karozza. Fis-6 ta' Marzu kellu appuntament biex isewwi l-vettura pero' xorta wahda l-vettura ma kinitx qed tiffunzjona sew u ghalhekk ghamel appuntament ma' Continental Cars Limited sabiex jara x' kienet il-problema. L-appuntament sar u gie maghruf illi *left from shocker top mount* kien bil-hsara. Xorta pero` l-vettura ma kinitx qed tahdem sew. Illi infatti kellu jinbiddel l-*isteering wheel*. Illi hareg mill-evidenza u jidher illi ma kienx hemm kontestazzjoni illi l-incident sar minhabba hofra fit-triq indikata mill-attur. Infatti saru ghaxar *claims* mal-Awtorita` dwar dan. Illi jidher illi hemm Kumitat apositu biex jivverfika l-*claims* u infatti r-rapprezentat qal li accettaw tmienja minn ghaxar *claims* li gew rapportati. Ir-raguni il-ghaliex dawn ma accettawx li jhallsu ghall-ammont reklamat kien ghaliex hdejn il-vetturi u l-*cliams* l-ohrajn il-hsara kienet sostanzjali. Ghalhekk skont l-Awtorita` l-attur setgha kien ghaddej bi *speed* eccessiv u ghalhekk ikkontribwixxa ghall-hsara fil-vettura hu stess. Di piu' r-rapport li sar minn Natalino Aguis sar fil-25 ta' Lulju, 2015 u jidher li l-assessjar tad-danni sar hafna wara l-incident.

Illi t-Tribunal ra illi s-sur Aguis kien car taht gurament illi l-hsarat li saru setghaw biss saru minhabba impatt qawwi fuq il-karozza u mhux minhabba il-fatt li l-vettura kellha iz-zmien. L-Awtorita` min-naha taghhom jidher illi ma kellhomx esperti biex jivverifikaw il-hsara imma nies b'certu esperjenza li setghu biss jaghmlu paraguni mal-*claims* l-ohrajn. Illi pero` qatt ma ltaqghu mal-attur biex jitkellmu mieghu u l-Espert inkarigat minnu. Ma prezentaw ebda xhieda esperta u lanqas intalab li ssir evalwazzjoni tal-hsara fuq il-vettura pero` kif spjega Nicholas Baldacchino indika (ara xhieda ta' 5 ta' Mejju, 2015) illi l-*cliam* gie notifikat lilhom sena wara l-incident u ghalhekk ma setghawx jaghmlu l-verifiki taghhom ghaliex kien ghadda wisq zmien. It-Tribunal hawnhekk jinnota li l-Awtorita' konvenuta lanqas ma prezentat paragun tal-hsarat li garrab fil-karozza tieghu l-attur ma dak li kien accettabli ghall-Kumitat tal-Awtorita`dwar il-*claims* sabiex tghin lit-Tribunal jasal ghall-konkluzjoni ekwa. L-anqas ma gew pprezentati quddiem dan it-Tribunal xi dokument jew dokumenti jew xi tip ta' prova jew provi ohrajn li juru x'suppost kienu hsarat accettabbli ghall-Awtorita' konvenuta f'kazijiet bhal dawn. It-Tribunal kien jistenna li jigi pprezentat xi tip ta' dokument jew iehor bhal xi tip ta' *manual* jew xi forma ta' *Memo* li juru b'mod car u tond x'inhuma hsarat accettabbli ghal-Awtorita' konvenuta f'kazijiet bhal dawn.

Huwa principju ben konoxxut illi l-prova tal-htija tal-konvenut f'kawza civili hija differenti ghal kollox minn kawza kriminali u ghanda tkun fuq bilanc ta' probabilitajiet. Illi li kien hemm hofra fi Frar, 2013 li kkawzat hsara lill-certu vetturi ma kienx kontestat. Illi lanqas ma jidher illi hemm kontestazzjoni illi

l-incident sar. Meta xehed Natalino Aguis u ddikjara illi l-hsara li saret fuq il-vettura setghet biss kienet minhabba daqqa qawwija u mhux minhabba z-zmien, ma tressaq hadd biex jikkonstesta dan il-fatt. Ghalhekk jista jkun illi forsi l-attur kien ghaddej bi *speed* eccessiv pero` ma tressaq l-ebda Espert biex jikkonferma dan hlief ir-rapprezentant li bil-gurament tieghu kkonferma l-opinjoni tal-Kumitat tieghu.

Ghaldaqstant u ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jhoss illi l-grad probatorju rikjest mill-ligi huwa sodisfatt ghal dak li jirrigwardja htija kolpuza da parti tal-Awtorita` konvenuta u ghalhekk ghandu jistrieh fuq l-evidenza u l-verzjoni tal-attur.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal, tilqa` t-talbiet attrici, fis-somma ta’ tlett elef u sebgha u tletin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€3037.64c) bl-imghax jithallas sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjes kollha jigu sopportati mill-Awtorita’ konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------